MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 46/2002/1

**Giovanni u Emily konjugi Vella**

**vs**

**Michael Cilia**

**Il-Qorti,**

Il-prezenti decizjoni hija l-konsegwenza ta' decizjoni ohra moghtija minn din il-Qorti fit-23 ta' Gunju 2004 u li permezz taghha giet revokata fil-meritu d-decizjoni tat-Tribunal tas-16 ta' Settembru 2003 u stabbiliet li l-konvenut kellu jwiegeb ghad-danni sofferti mill-atturi fil-fond taghhom Flat 2, Tulip Court, Triq il-Mazzola, Bugibba. Il-kwestjoni hawn involuta tikkoncerna proprju l-likwidazzjoni ta' dawn id-danni. Dwarhom il-kontendenti ssottomettew, fl-ahhar udjenza tal-20 ta' Ottubru 2004, illi kienu ser joqghodu fuq il-provi in atti;

Brevement ri-epilogati, il-fatti li jghoddu huma s-segwenti:-

(1) Skond l-atturi l-hsarat kienu jikkonsistu f' umdita` tal-hajt appogg mal-proprjeta` tal-konvenut dovut ghall-perkolazzjoni ta' ilma, simna ta' bibien, tixrib ta' ghamara (*chest of drawers*), u telf ta' kiri u uzu ta' l-appartament. Ara xhieda ta' l-attur Giovanni Vella (fol. 46) u l-konstatazzjonijiet fis-*survey report* tal-MSB Valletta Limited (fol. 72);

(2) L-istimi esebiti a fol. 3 u 4 tal-process jikkorrispondu ghal dawn il-hsarat. Jigi osservat illi l-istima ghat-tiswija tal-hajt saret mill-attur personalment kif hekk hu stess jistqarr (fol. 47). Dan ghaliex skond l-attrici martu "t-tibjid ser jiehu hsiebu r-ragel" (fol. 35);

(3) Skond l-atturi huma baqghu ma sewwewx u kollox thalla kif kien. Ara deposizzjoni ta' Giovanni Vella, seduta 23 ta' Mejju 2002. Lanqas il-bibien ma tbiddlu u effettivament ma sar xejn. Ara xhieda in kontro-ezami ta' Emily Vella (seduta 24 ta' Ottubru 2002);

Premessi dawn il-fatti huwa principju assodat in tema ta' kompensazzjoni ta' danni illi "l-attur ghandu kemm jista' jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagonata l-hsara." (**Kollez. Vol. XLIX P I p 526**). Jigifieri, "id-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi risarciment li jintegra l-partimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz" ("**Antonio Zammit -vs- Mario Calleja**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977);

Dan precizat, huwa principju pacifiku accettat illi d-danneggjat ghandu d-dmir li jaghmel dak kollu li hu ragonevoli biex inaqqas il-hsara, anke jekk mhux obbligat li jitghabba b' pizijiet biex inaqqasha. (Ara **Kollez. Vol. XXXVIII P I p 249; Vol. XL P I p 653**);

B’ applikazzjoni ta’ dawn il-principju huwa lecitu li jinghad li d-danneggjat ghandu jadotta l-mizuri kollha ragonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab b’ rizultat ta’ l-att illecitu ta’ haddiehor u ma jistax jirreklama in linea ta’ danni kwalsiasi ammont li jkun, anke jekk mhux obbligat jitghabba b’ pizijiet biex jirreduci l-hsara. Hu accettat illi x’ jitqies li ghandu jkun ragonevoli li jaghmel id-danneggat biex inaqqas it-telf hi kwestjoni ta’ fatt li ghandha tigi konsiderata fic-cirkostanzi ta’ kull kaz partikolari;

Fid-dawl ta’ dan il-principju, hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi ma tistax toqghod ghal kollox fuq certa stima preparata mill-attur innifsu billi ma ssibx li hi la logika guridika u, wisq anqas, gustizzja sostanzjali illi taccetta bl-addocc stima tal-parti interessata, li tghid ukoll li ser tezegwixxi x-xoghlijiet hi stess. Dan aktar u aktar, imbaghad, meta jsir ezami komparattiv bejn l-istima ghat-tikhil u tibjid (fol. 4) u dik ghall-istess xoghol fil-flat Numru 1 tal-konjugi Herrera (fol. 19). Dan ighodd ukoll fil-kaz ta’ l-istejjem ghall-bibien u l-ghamara (fol. 3 paragunat ma’ fol. 18);

Ikun zball li l-gudikant jaccetta fl-ghama l-ammonti stabbiliti fil-*quotations* a fol. 3 u 4. Aktar u aktar, fl-assenza ta’ ghajnuna ta’ opinjoni teknika in materja. Naturalment, ikun zball ukoll kieku d-domanda ghar-rizarciment tad-dannu tigi respinta sempliciment fuq ir-riljiev illi l-provi forniti fir-rigward ma humiex sufficjentement precizi. F’ kaz bhal dan il-gudikant ghandu certament jipprocedi ghal likwidazzjoni ekwitativa. Principju dan li hu del resto mqieghed a bazi tal-gudizzju fil-kwestjonijiet trattati u decizi mit-tribunal specjali krejat bl-Att V ta’ l-1995. Dan skond l-Artikolu 7 (1) ta’ l-Att;

Huwa maghruf illi r-rikors ghal tali valutazzjoni ekwitativa tad-danni hu necissitat fejn id-determinazzjoni preciza tad-danni tinkorri f’ impossibilita` probatorja jew din tkun ostakolta minn xi diffikolta` rilevanti. Ovvjament dan ma jfissirx illi l-gudikant ghandu jinjora dawk l-elementi tal-fattispeci konkreta akkwiziti fil-process u li johorgu mir-rizultanzi istruttorji. Hu wkoll fil-prudenti kriterju valutattiv tal-gudikant illi jasal ghall-konkluzjoni ekwitativa bazata

fuq motivazzjoni logika ta' kif ikun wasal ghal "*quantum debeatur*". F' dan ma qed jinghad xejn gdid, anke ghaliex, kif rakkolt mis-sentenza a **Vol. XXXV P III p 615**, "fin-nuqqas ta'mezzi probatorji ta' l-ammont tad-danni, dan l-ammont jigi fissat *ex aequo et bono* mill-gudikant li jigi msejjah biex jistabbilixxi l-kwantitativ tad-danni …";

Fil-hsieb ta' din il-Qorti, fuq l-istregwa tal-precitat principju u konsiderati l-provi kollha attendibbli u fuq accennati, senjatament l-istimi rinvenuti fil-process, il-likwidazzjoni ekwitativa ghandha tkun f' dan il-kaz toqrob lejn ir-realta` ta' l-istimi ghal xoghol identiku fil-fond tal-konjugi Herrera, salv it-tibdiliet li jokkorru ghall-fattispeci tal-kaz. Il-Qorti ghalhekk tara li ghall-iskop tal-kompensazzjoni misthoqqa tad-danni, svixxerata minn kull tentattiv ta' spekulazzjoni, id-danni ghandhom jigu likwidati bil-mod ekwitativ infraskritt:-

(a) Mitejn u tletin lira (Lm230) ghal xoghol ta' tikhil u tibjid, anke ghaliex, kif konfessat, dan ix-xoghol ser isir mill-attur innifsu;
(b) Mitejn lira (Lm200) ghat-tiswija fil-bibien u c-*chest of drawers*;
(c) Mitt lira (Lm100) ghat-telf ta' kera subit.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tillikwida d-danni reklamati mill-atturi fl-ammont komplessiv ta' hames mija u tletin lira Maltija (Lm530) u b' hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata in linea ta' danni. L-ispejjez gudizzjarji tal-procedura kollha ta' l-appell ghandhom jitbatew mill-konvenut appellat. Dawk tal-prim' istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------